

# Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Nazzjonali Żvediża tal-Ikel

ISSN 1651-3533

## Ir-regolamenti tal-Aġenzija Nazzjonali Żvediża tal-Ikel dwar is-snus, il-prodotti

LIVSFS 0000:0

(H 00)

Ippubblikati fi  
Ikklikkja hawn  
biex iddaħħal id-  
data.

Adottati fi [Ikklikkja hawn biex iddaħħal id-data.](#)

Skont it-Taqsimit 5-7, 30 u 31 tal-Ordinanza dwar l-Ikel (2006:813), l-Aġenzija Żvediża tal-Ikel tistabbilixxi<sup>1</sup> dan li ġej.

### Kamp ta' applikazzjoni

**Taqsima 1** Dawn ir-regolamenti fihom dispożizzjonijiet dwar is-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda maħsuba biex isiru disponibbli għall-konsumaturi fis-suq Żvediż.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-prodotti koperti minn dawn ir-regolamenti jinsabu wkoll fl-Att (2018:2088) dwar it-Tabakk u Prodotti Simili u fl-Att (2022:1257) dwar il-Prodotti tan-Nikotina mingħajr Tabakk.

### Termini u definizzjonijiet

**Taqsima 2** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

- it-terminu addittivi tal-ikel huwa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel;

<sup>1</sup> Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta tal-Informatika.

2. it-termini li ġejjin huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE:
  - aromatizzant;
  - aromatizzant bl-affumikazzjoni; u
  - ikel bi proprjetajiet aromatizzanti; u
3. it-terminu materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel ifisser materjali u oġġetti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE.

## **Ingredjenti**

**Taqsim 3** Bl-eċċezzjoni tat-tabakk u n-nikotina, u l-ingredjenti msemmija speċifikament hawn taħt, is-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda ma għandux ikun fihom ingredjenti li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem.

## **Addittivi**

**Taqsim 4** L-addittivi tal-ikel elenkati fl-Anness ta' dawn ir-regolamenti biss jistgħu jiġu inklużi fis-snus u t-tabakk tal-magħda. Il-kundizzjonijiet għall-użu huma speċifikati fl-Anness.

L-addittivi tal-ikel għandhom jintużaw għall-funzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għal dak l-addittiv tal-ikel f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## **Aromatizzanti**

**Taqsim 5** Huma biss l-aromatizzanti, inklużi l-aromatizzanti bl-affumikazzjoni, u l-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti li jistgħu jintużaw fl-ikel, li jistgħu jiġu inklużi fis-snus u t-tabakk tal-magħda biex jagħtu jew ibiddlu r-riħa jew it-togħma tiegħu.

## Ikel ġdid

**Taqsim 6** Ikel kopert mir-Regolament (KE) Nru 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 jista' jiġi inkluż fis-snus u t-tabakk tal-magħda, jekk ikun awtorizzati f'konformità ma' dak ir-Regolament.

## Ilma

**Taqsim 7** L-ilma użat fil-produzzjoni u l-preparazzjoni tas-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti tal-Aġenzija Nazzjonali Żvediża tal-Ikel (LIVSFS 2022:12) dwar l-ilma tax-xorb.

## Kontaminanti

**Taqsim 8** Is-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda ma għandux ikun fihom:

- ċomb fi kwantitajiet oġhla minn 3 mg/kg;
- l-aflatossini B<sup>1</sup> B<sup>2</sup>, G<sup>1</sup> u G<sup>2</sup> (b'kollox) fi kwantitajiet oġhla minn 0.005 mg/kg; jew
- benzo[a]piren fi kwantitajiet oġhla minn 0.003 mg/kg piż xott.

Is-snus u t-tabakk tal-magħda wkoll ma għandux ikun fihom n-nitrosamini speċifiċi għat-tabakk NNN u NNK (b'kollox) fi kwantitajiet oġhla minn 2 mg/kg piż xott.

Il-piż xott għandu jiġi ddeterminat permezz ta' metodu stabbilit li ntwera li jiddetermina dan il-kontenut b'mod preċiż.

## Iġjene

**Taqsim 9** L-operaturi involuti fil-manifattura tas-snus, il-prodotti simili għas-snus jew it-tabakk tal-magħda għandhom, fejn meħtieġ biex iżommu iġjene sodisfaċenti, jikkonformaw mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel kif ġej:

1. ir-rekwiżiti ġenerali għall-bini fil-Kapitolu I;
2. ir-rekwiżiti speċifiċi għall-bini fil-Kapitolu II;
3. it-trasport fil-Kapitolu IV, bl-eċċezzjoni tal-punt 4;
4. it-tagħmir fil-Kapitolu V;
5. l-iskart tal-ikel fil-Kapitolu VI;
6. il-provvista tal-ilma fil-Kapitolu VII;
7. l-iġjene personali fil-Kapitolu VIII;
8. l-oġġetti tal-ikel fil-Kapitolu IX, il-punti 1-5; u

## 9. it-taħriġ fil-Kapitolu XII.

### **Analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll**

**Taqsim 10** L-operaturi involuti fil-manifattura tas-snus, tal-prodotti simili għas-snus jew tat-tabakk tal-magħda għandhom, fejn meħtieġ biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti:

1. jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu proċedura permanenti jew aktar minn waħda bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
2. jiżguraw li d-dokumentazzjoni kollha mfassla li tiddekrivi l-proċeduri f'konformità mal-punt 1 tkun aġġornata; u
3. iżommu dokumentazzjoni u rekords għal perjodu ta' żmien xieraq.

### **Materjali u oġġetti f'kuntatt mas-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda**

**Taqsim 11** Il-materjali u l-oġġetti li jiġu f'kuntatt mas-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-kompożizzjoni u l-proprjetajiet ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel.

### **Informazzjoni fuq l-imballaġġ**

**Taqsim 12** L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fuq il-pakketti tas-snus, tal-prodotti simili għas-snus u tat-tabakk tal-magħda furnuti direttament lill-konsumatur:

1. il-kwantità netta fi grammi;
2. id-data tal-manifattura;
3. l-istruzzjonijiet għall-ħażna, jekk il-ħażna hija importanti għall-ħajja fuq l-ixkaffa;
4. l-isem u l-indirizz tal-manifattur, ta' min ippakkja l-prodott jew tal-bejjieġh. L-indirizz jista' jiġi sostitwit mis-sit web jew min-numru tat-telefon tal-manifattur, ta' min ippakkja l-prodott jew tal-bejjieġh fl-Iżvezja.

**Taqsim 13** Id-denominazzjoni tal-prodott, jiġifieri s-snus jew it-tabakk tal-magħda, għandha tiġi pprovduta fuq pakketti tas-snus jew tat-tabakk tal-magħda furnuti direttament lill-konsumatur.

Ma jistgħux jintużaw trade mark, isem ta' ditta jew isem ivvintat minflok id-denominazzjoni tal-prodott.

**Taqsim 14** Lista tal-ingredjenti kollha inklużi fil-prodott f'ordni dixxendenti ta' piż (lista ta' ingredjenti) għandha tiġi pprovduta fuq l-imballaġġ ta' prodotti simili għas-snus mingħajr nikotina fornuta direttament lill-konsumatur.

**Taqsim 15** L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq l-imballaġġ tas-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda f'konformità mat-Taqsimit 12–14 għandha tkun bl-Iżvediż. Lingwa oħra tista' tintuża biss jekk il-lingwa tkun differenti mill-Iżvediż biss b'mod insinifikanti.

L-informazzjoni għandha tkun viżibbli ħafna, tinqara b'mod ċar, permanenti u faċli biex tinftiehem.

## **Traċċabbiltà**

**Taqsim 16** Is-snus, il-prodotti simili għas-snus u t-tabakk tal-magħda, kif ukoll l-ingredjenti inklużi fihom, għandhom ikunu traċċabbli fl-istadji kollha tal-katina tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni tas-snus, tal-prodotti simili għas-snus jew tat-tabakk tal-magħda.

L-operaturi involuti fil-manifattura tas-snus, il-prodotti simili għas-snus jew it-tabakk tal-magħda għandu jkollhom fis-seħħ sistemi u proċeduri biex jidentifikaw l-atturi li mingħandhom kisbu ingredjenti maħsuba biex jew li x'aktarx jiġu inklużi fi snus, prodotti simili għas-snus jew tabakk tal-magħda kif ukoll l-atturi kollha li kisbu l-prodotti tagħhom, iżda mhux il-konsumaturi.

## **Reġistrazzjoni**

**Taqsim 17** L-operaturi involuti fil-manifattura ta' snus, prodotti simili għal snus jew tabakk tal-magħda għandhom jinnotifikaw il-faċilitajiet tal-manifattura tagħhom bil-miktub għal skopijiet ta' reġistrazzjoni lill-awtorità kompetenti biex jirreġistraw il-faċilitajiet tal-ikel skont it-Taqsima 23 tal-Ordinanza dwar l-Ikel (2006:813).

**Taqsim 18** In-notifiki għar-reġistrazzjoni tal-faċilitajiet tal-manifattura għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja dwar l-operatur u l-faċilità:

1. l-isem u d-dettalji ta' kuntatt;
2. in-numru tal-identità tal-kumpanija, in-numru tal-identità personali, in-numru ta' koordinazzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali informazzjoni għal persuna stabbilita f'pajjiż ieħor fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), id-data ta' identifikazzjoni korrispondenti;
3. l-informazzjoni dwar il-bini, l-ispazju jew il-post fejn se jitwettqu l-operazzjonijiet;
4. deskrizzjoni tan-natura u l-ambitu tal-operazzjoni;
5. fejn xieraq, informazzjoni dwar it-tul ta' żmien kem se ddum titwettaq l-operazzjoni.

Fuq talba, l-operatur għandu jipprovdi wkoll l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi indirizzata n-notifika.

**Taqsim 19** L-operazzjonijiet f'faċilità li għandha tiġi nnotifikata għar-reġistrazzjoni jistgħu jibdew ladarba l-awtorità tkun irreġistrat il-faċilità. Madankollu, l-operazzjonijiet jistgħu jibdew ġimagħtejn wara li n-notifika tkun waslet għand l-awtorità jekk l-awtorità tkun għadha ma rreġistratx il-faċilità.

### **Obbligu li tingħata informazzjoni**

**Taqsim 20** L-operaturi involuti fil-manifattura ta' snus, prodotti simili għal snus jew tabakk tal-magħda għandhom jiżguraw li l-awtorità jkollha informazzjoni aġġornata dwar il-faċilitajiet irreġistrati, inkluż billi jinnotifikaw lill-awtorità dwar bidliet sinifikanti fl-operazzjonijiet tagħha u dwar l-għeluq ta' faċilitajiet eżistenti.

- 
1. Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.
  2. Dawn ir-regolamenti jirrevokaw ir-regolamenti tal-Aġenzija Nazzjonali Żvediża tal-Ikel (LIVSFS 2012:6) dwar is-snus u t-tabakk tal-magħda.
  3. Għall-operaturi involuti fil-manifattura ta' prodotti simili għas-snus, id-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni fit-Taqsimiet 17-19 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2024. Madankollu, id-dispożizzjoni fit-Taqsima 19 ma tapplikax għall-operazzjonijiet li nbdew qabel l-1 ta' Lulju 2024.
  4. L-imballaġġi ta' prodotti simili għas-snus li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 12, 14 u 15 jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi fis-suq Żvediż sakemm jispiċċa l-istokk, dment li jkunu tqiegħdu fis-suq jew ġew ittikkettati qabel l-1 ta' Lulju 2024.
  5. Snus jew tabakk tal-magħda li fihom id-diossidu tat-titanju (E 171) jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi fis-suq Żvediż sakemm jispiċċa l-istokk, dment li dawn ikunu tqiegħdu fis-suq jew ġew ippakkjati qabel l-1 ta' Lulju 2024.

ANNICA SOHLSTRÖM

Elin Häggqvist  
(Affarijiet Legali)

## Addittivi tal-ikel permessi għall-finijiet tat-Taqsima 4

**Kundizzjonijiet.** Jekk ma jingħata l-ebda kontenut massimu hawn taħt, l-addittivi tal-ikel jistgħu jintużaw skont il-prinċipju *quantum satis*, jiġifieri ma jiġi stabbilit l-ebda kontenut massimu għall-użu. Madankollu, l-addittivi jridu jintużaw skont il-prattika tajba tal-manifattura, f'livell mhux oġhla minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq, u b'tali mod li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

Numru E	Isem u kundizzjonijiet
E 101	(i) Riboflavin (ii) Riboflavin-5'-fosfat
E 140	Klorofilli u klorofillini
E 141	Kumplessi tar-ram tal-klorofilli u l-klorofillini
E 150a	Karamella sempliċi
E 150b	Karamella tas-sulfit kawstiku
E 150c	Karamella, proċess ta' ammonijaka
E 150d	Karamella tal-ammonijaka tas-sulfit
E 153	Carbo medicinalis (karbonju veġetali)
E 160a	Karoteni
E 160c	Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin
E 162	Aħmar tal-pitravi, betanin
E 163	Antoċijanini
E 170	Karbonat tal-kalċju
E 172	Ossidi tal-ħadid u idrossidi tal-ħadid
E 202	Sorbat tal-potassju; massimu ta' 2 g/kg
E 260	Aċidu aċetiku
E 261	Aċetat tal-potassju
E 262	Aċetati tas-sodju (i) Aċetat tas-sodju (ii) Aċetat tal-idroġenu tas-sodju (diaċetat tas-sodju)
E 263	Aċetat tal-kalċju
E 270	Aċidu lattiku
E 280-283	Aċidu propjoniku u propjonati; massimu ta' 2 g/kg
E 290	Diossidu tal-karbonju
E 296	Aċidu maliku

<b>Numru E</b>	<b>Isem u kundizzjonijiet</b>
E 300	Aċidu askorbiku
E 301	Askorbat tas-sodju
E 302	Askorbat tal-kalċju
E 304	Esteri tal-aċidi grassi tal-aċidu askorbiku (i) Palmitat tal-askorbil (ii) Stearat tal-ascorbyl
E 306	Estratt b'ħafna tokoferol
E 307	Alfa-tokoferol
E 308	Gamma-tokoferol
E 309	Delta-tokoferol
E 319	Butilidrokinon terzjarju (TBHQ); massimu ta' 300 mg/kg
E 322	Leċitini
E 325	Lattat tas-sodju
E 326	Lattat tal-potassju
E 327	Lattat tal-kalċju
E 330	Aċidu ċitriku
E 331	Ċitrati tas-sodju (i) Ċitrat monosodju (ii) Ċitrat disodju (iii) Ċitrat trisodju
E 332	Ċitrati tal-potassju (i) Ċitrat tal-monopotassju (ii) Ċitrat tat-tripotassju
E 333	Ċitrati tal-kalċju (i) Ċitrat monokalċju (ii) Ċitrat dikalċju (iii) Ċitrat trikalċju
E 334	Aċidu L-tartariku
E 335	Tartrati tas-sodju (i) Tartrat monosodju (ii) Tartrat disodju
E 336	Tartrati tal-potassju (i) Tartrat monopotassju (ii) Tartrat dipotassju
E 337	Tartrat tas-sodju tal-potassju
E 350	Malati tas-sodju (i) Malat tas-sodju (ii) Malat tal-idroġenu tas-sodju
E 351	Mlat tal-potassju



<b>Numru E</b>	<b>Isem u kundizzjonijiet</b>
E 352	Malati tal-kalċju (i) Malat tal-kalċju (ii) Malat tal-idroġenu tal-kalċju
E 354	Tartrat tal-kalċju
E 380	Ċitrat tat-triammonju
E 400	Aċidu tal-alġinat
E 401	Alġinat tas-sodju
E 402	Alġinat tal-potassju
E 403	Alġinat tal-ammonju
E 404	Alġinat tal-kalċju
E 406	Agar
E 407	Carrageenan (jista' jiġi standardizzat biz-zokkrijiet jekk dan jiġi ddikjarat flimkien man-numru u l-isem)
E 407a	Alka tal-baħar Eucheuma pproċessata (tista' tiġi standardizzata biz-zokkrijiet jekk dan jiġi ddikjarat flimkien man-numru u l-isem)
E 410	Gomma tal-ħarruba (mhux fil-produzzjoni ta' prodotti deidrati maħsuba biex jiġu riidratati meta jinbelgħu)
E 412	Gomma tal-guar (mhux fil-produzzjoni ta' prodotti deidrati maħsuba biex jiġu riidratati meta jinbelgħu)
E 413	Gomma tal-guar (mhux fil-produzzjoni ta' prodotti deidrati maħsuba biex jiġu riidratati meta jinbelgħu)
E 414	Tracacanth Gomma arabika (gomma tal-akaċja)
E 415	Gomma tal-ksantan (mhux fil-produzzjoni ta' prodotti deidrati maħsuba biex jiġu riidratati meta jinbelgħu)
E 417	Gomma tat-tara (mhux fil-produzzjoni ta' prodotti deidrati maħsuba biex jiġu riidratati meta jinbelgħu)
E 418	Gomma tal-ġellan
E 420	Sorbitol; massimu ta' 100 g/kg
E 421	Mannitol (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
E 422	Gliċerol
E 425	Konjac; massimu ta' 10 g/kg (i) Gomma tal-konjac (ii) Konjac glucomannan
E 440	Pektini (jistgħu jiġu standardizzati biz-zokkrijiet jekk dan jiġi ddikjarat flimkien man-numru u l-isem) (i) Pektina (ii) Pektina amidata
E 460	Ċelluloża (i) Ċelluloża mikrokristallina (ii) Ċelluloża bit-trab
E 461	Ċelluloża tal-metil
E 462	Ċelluloża tal-etil
E 463	Ċelluloża tal-idrossipropil

<b>Numru E</b>	<b>Isem u kundizzjonijiet</b>
E 464	Ċelluloża tal-metilidrossipropil
E 465	Ċelluloża tal-etil metiliku
E 466	Karbossimetilċelluloża tas-sodju, gomma taċ-ċelluloża
E 469	Karbossimetilċelluloża idrolizzata enżimantikament, Gomma taċ-ċelluloża idrolizzata b'mod enżimaticu
E 470a	Imluħa tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tal-aċidi xaħmin
E 470b	Imluħa tal-manjeżju tal-aċidi xaħmin
E 471	Monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472a	Esteri tal-aċidu aċetiku ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472b	
E 472c	Esteri tal-aċidu lattiku ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472d	
E 472e	Esteri tal-aċidu ċitriku ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472f	
	Esteri tal-aċidu tartariku ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
	Esteri tal-aċidu tartariku monoaċetil u diaċetil ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
	Esteri aċetiċi u tartariċi mħallta ta' monogliċeridi u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 500	Karbonati tas-sodju (i) Karbonat tas-sodju (ii) Karbonat idroġenat tas-sodju (iii) Seskwikarbonat tas-sodju
E 501	Karbonati tal-potassju (i) Karbonat tal-potassju (ii) Karbonat idroġenat tal-potassju
E 503	Karbonati tal-ammonju (i) Karbonat tal-ammonju (ii) Karbonat tal-idroġenu tal-ammonju
E 504	Karbonati tal-manjeżju (i) Karbonat tal-manjeżju (ii) Karbonat tal-idrossidu tal-manjeżju (karbonat idroġenat tal-manjeżju)
E 507	Aċidu idrokloriku
E 508	Klorur tal-potassju
E 509	Klorur tal-kalċju
E 511	Klorur tal-manjeżju
E 513	Aċidu sulfuriku
E 514	Sulfati tas-sodju (i) Sulfat tas-sodju

E 515	(ii) Sulfat tal-idroġenu tas-sodju Sulfati tal-potassju
E 516	(i) Sulfat tal-potassju (ii) Sulfat tal-idroġenu tal-potassju Sulfat tal-kalċju

Numru E	Isem u kundizzjonijiet
E 524	Idrossidu tas-sodju
E 525	Idrossidu tal-potassju
E 526	Idrossidu tal-kalċju
E 527	Idrossidu tal-ammonju
E 528	Idrossidu tal-manjeżju
E 529	Ossidu tal-kalċju
E 530	Ossidu tal-manjeżju
E 570	Aċidi xaħmin
E 574	Aċidu glukoniku
E 575	Glucono-delta-latton
E 576	Glukonat tas-sodju
E 577	Glukonat tal-potassju
E 578	Glukonat tal-kalċju
E 640	Gliċina u l-melħ tas-sodju tagħha
E 620	Aċidu glutamiku
E 621	Glutamat monosodju
E 622	Glutamat monopotassju
E 623	Glutamat tal-kalċju
E 624	Glutamat monoammonju
E 625	Diglutamat tal-manjeżju
E 626	Aċidu gwaniliku
E 627	Gwanilat disodju
E 628	Gwanilat dipotassju
E 629	Gwanilat tal-kalċju
E 630	Aċidu inosiniku
E 631	Aċidu gwaniliku
E 632	Inosinat dipotassju
E 633	Inosinat tal-kalċju
E 634	Kalċju-5'-ribonukleotidi
E 635	Disodju 5'-ribonukleotidi
E 901	Xama' tan-naħal, bajda u safra; massimu ta' 600 mg/kg
E 903	Xama' tal-karnawba b'massimu ta' 200 mg/kg
E 904	Xellak; massimu ta' 600 mg/kg
E 938	Argon
E 939	Elju

10 g/kg, individwalment  
jew f'taħlita, espress bħala  
aċidu glutamiku

500 mg/kg, individwalment  
jew f'taħlita, espress bħala  
tal-inosinat disodju

massimu ta' 600 mg/kg  
b'kollox

<b>Numru E</b>	<b>Isem u kundizzjonijiet</b>
E 941	Nitroġenu
E 942	Ossidu nitruż
E 948	Ossiġenu
E 949	Idroġenu
E 950	Aċesulfam-K; massimu ta' 4 g/kg
E 953	Isomalt (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
E 954	Sakkarina; massimu ta' 2.5 g/kg
E 965	Maltitol (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
	(i) Maltitol
E 966	(ii) Ġulepp tal-maltitol
E 967	Laktitol (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
E 968	ħlewwa)
E 1103	Ksilitol (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
E 1200	Eritritol (għall-użu għajr bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa)
	ħlewwa)
	Invertaži
	Polidestrożju
E 1201	Polivinilpirrolidon, massimu ta' 30 g/kg
E 1404	Lamtu ossidat
E 1410	Fosfat tal-monolamtu
E 1412	Fosfat diammidiku
E 1413	Fosfat diammidiku ffosfat
E 1414	Fosfat diammidiku aċetilat
E 1420	Aċetat tal-lamtu
E 1422	Adipat diammidiku aċetilat
E 1440	Lamtu tal-idrossipropil
E 1442	Fosfat diammi idrossipropiliku
E 1450	Ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju
E 1451	Lamtu ossidat aċetilat
E 1520	Glikol tal-propilen; massimu ta' 40 g/kg